MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 07 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1561/2001/1

**Michael Attard Limited**
**vs.**
**Paul Chetcuti**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fejn is-socJeta attrici talbet li l-konvenut ihallas Lm1484.58c (elf u erbgha mija u erbgha u tmenin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmi) rappresentanti import ta' erbatax il-kambjala skaduta, accetati u ffirmati mid-debitur konvenut.

Ra r-risposta fejn il-konvenut eccepixxa: li fl-ewwel lok ghandu jigi ppruvat li l-kambjali gew accettati mill-accetant, u dan peress li ma huwiex car mill-istess kambjali u li sallum kopji taghhom biss ghadhom gew ezebiti, min huwa l-persuna li ffirma fuqhom u f'liema kapacita u fit-tieni lok u minghajr pregudizju ghal premess, il-konvenut ma ghandu ihallas xejn lis-socjeta attrici minhabba difetti li tfaccaw fil-vettura, difetti konsistenti f'sadid profuz f'diversi bnadi; illi t-tielet eccezzjoni huwa dwar l-fatt li l-konvenut ghadu ma inghatax kopja tal-kuntratt ta' bejgh tal-vettura.

Ra s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2002 fejn it-Tribunal cahad t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ra li fis-seduta mizmuma fid-9 ta' Ottubru 2002 Dr. Reuben Farrugia ghas-socjeta attrici esebixxa l-kambjali originali; ikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut u ikkonferma ukoll bil-gurament li hemm il-firma tat-direttur tas-societa attrici fuq il-kambjala.

Ra s-seduta mizmuma fid-9 ta' Ottubru 2002 li fiha xehed Paul Chetcuti fejn ikkonferma li kien xtara Peagout 405 ghal ammont ta' Lm5,500 minghand Ninu Auto Dealer u li kien tah Lm1000 u karozza Escort Mark 3. Il-konvenut qal li halla l-karozza tieghu ghal xahar ghand Ninu minhaba xi hsara fl-aircondition. Hu ikkonferma li qatt ma ircieva kopja tal-kuntratt li kien iffirma. Il-konvenut qal li s-socjeta attrici kienet lesta li jsewwu l-karozza u qal ukoll li ghadu ma hallasomx il-kambjali. Il-konvenut qal li meta iffirma l-kambjalijiet hu ma kien hemmx firem ohra.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut huwa li jrid jigi ppruvat li l-kambjali gew accetati mill-accettant.

Illi Dr. Reuben Farrugia ghas-socjeta attrici ikkonferma bil-gurament li fil-kambjali hemm il-firma tad-direttur tas-socjeta attrici.

Illi jekk il-konvenut kellu xi dubji dwar dan setgha gab il-provi dwar l-istess izda naqas li jaghmel dan.

Illi il-konvenut jghid li hu ffirma l-kambjali u ma hallashomx.

Illi issir riferenza ghal kawza fl-ismijiet Bugeja vs. Azzopardi (vol. XVII.iii.68) fejn il-qorti tal-Kummerc iddikjarat li kull min johrog kambjala in bjank huwa prezunt li jkun iddelega lill-persuna li tirceviha d-dritt li jimla l-partijiet neqsin fil-kambjala.

Illi fil-kawza Giuseppe Cachia vs. Emmanuel Farrugia et (Qorti Kummerc 28/1/1922 Vol. XXV.iii. 659) gie ritenut:

“Attesoche’, quantunque la cambiiale e’ redatta in modo curioso, non essendovi nella nostra legge alcuna formula sacramentale, la cambiale non e’ nulla potendovi essere inserito in qualunque tempo il nome del traente”.

Illi l-awtur Ferri (Manuale di Diritto Commerciale – 1980) jargumenta:

“Alcuni elementi possono essere in bianco al momento della entrata in circolazione, ad esempio nella cambiale, puo’ essere in bianco la persona del prenditore, o invece la somma o ancora la data in scadenza (pagina 380).

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi michuda.

Ghaldaqstant jilqa t-talbiet attrici bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi.

**Philip Manduca**
**Gudikant**